

Paġna ewlenija>Reġistri - kummerċjali, dwar l-insolvenza u tal-artijiet>Reġistri dwar il-falliment u l-insolvenza  
Reġistri dwar il-falliment u l-insolvenza

Irlanda

Din it-taqsimha tagħtik deskrizzjoni qasira tar-reġistru ta' insolvenza tal-Irlanda.

**X'għandu x'joffri r-reġistru ta' insolvenza Irlandiż?**

L-Irlanda m'għandiex reġistru ta' insolvenza tal-kumpaniji separat. Informazzjoni dwar insolvenza tal-kumpaniji tinkiseb fir-rekords tal-

Uffiċċju tar-Reġistrazzjoni tal-Kumpaniji.

Ir-**Reġistru tal-Falliment Personali** huwa **reġistru manwali** miżmum fl-**Uffiċċju tal-Eżaminatur tal-High Court**. Dan ikun fih id-dettalji tal-falliment ddiċjarati mill-High Court tal-Irlanda.

Ir-**Reġistru ta' Insolvenzi Personali** huwa wkoll reġistru manwali. Dan huwa soġġett għall-istrument statutorju I.S. Nru. 334 tal-2002 – Regolamenti tal-2002 tal-Komunitajiet Ewropej (Insolvenza Personali) u fih dettalji ta' insolvenzi personali ddiċjarati mill-qrati ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea (kif notifikati liċ-ċessjonarju uffiċjali tal-falliment).

**L-aċċess għar-reġistru ta' insolvenza Irlandiż huwa mingħajr ħlas?**

Le. Irid jiġihallas dritt għal kull tiftixa. Dettalji dwar id-drittijiet jinkisbu fis-sezzjoni tar-**Regoli u Drittijiet** tas-sit elettroniku tas-Servizz tal-Qrati. Il-miżata tapplika wkoll meta r-riżultat tat-tiftixa ma jagħti l-ebda riżultat – jiġifieri meta ma jkunx hemm notazzjoni li tkun taqbel mal-kriterji tat-tiftixa fir-reġistri.

**Kif tiftex fir-reġistru ta' insolvenza Irlandiż**

Tiftix fir-Reġistru tal-Falliment Personali jista' jsir biss billi tmur personalment fl-Examiners Office, 2nd Floor Phoenix House, Phoenix Street North, Smithfield, Dublin 7.

**Storja tar-reġistru ta' insolvenza Irlandiż**

Ir-Reġistru tal-Falliment Personali fih informazzjoni li tmur lura sal-1922.

L-aħħar aġġornament: 01/05/2010

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

L-Istati Membri responsabbli għall-ġestjoni tal-paġni tal-kontenut nazzjonali huma fil-proċess li jaġġornaw xi ftit mill-kontenut fuq dan is-sit web fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea. Jekk is-sit ikun fih kontenut li għadu ma jirriflettix il-ħruġ tar-Renju Unit, dan mhux intenzjonat u se jiġi indirizzat.